# Is-Soċjetà Filarmonika Marija Annunzjata



*kitba tal-Bandist Gabriel Muscat*

**Il-Bidu**

Fl-1890 il-Kappillan ta' Ħal Balzan, Dun Ġwann Sarreo li kien għadu kif laħaq, beda jinsisti biex jinbdew l-invjar u l-iskultura tal-Knisja Parrokkjali. Għalhekk, l-imgħallmin Valent Falzon, Valent Muscat, Carmelo Sammut, Piju Ebejer, Valent Debono, Ġużeppi Sammut u Pawlu Muscat daħlu għal din il-biċċa xogħol kbira u iebsa li fiha ħadmu kemm felħu.

**L-Ewwel Kumitat tas-Soċjetà**

Is-sejħa li għamel il-Kappillan kienet il-bidu tas-Soċjetà Marija Annunzjata. Dawn il-Balzanin li ħadmu id f'id fil-knisja riedu jibqgħu maqgħudin flimkien u ħajru oħrajn biex jmxu fuq l-eżempju tajjeb tagħhom. Għalhekk iddeċidew li jwaqqfu soċjetà bl-isem Marija Annunzjata li l-ewwel kumitat tagħha kien iffurmat hekk:
President, Valent Falzon; Segretarju, Valent Muscat; Kaxxier, Carmelo Sammut; Membri, Piju Ebejer, Valent Debono, Ġużeppi Sammut u Pawlu Muscat.

**Ċentinarju ta' l-Inkarnazzjoni**

Billi fl-1900 kien se jiġi ċċelebrat mad-dinja kollha ċentinarju ta l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla, din l-okkażjoni kienet tolqot mill-qrib lill-Parroċċa ta' Ħal Balzan billi din tiċċelebra t-tħabbira ta' l-Anġlu lil Marija. Għalhekk il-membri tal-każin tas-Soċjetà ħasbu jagħmlu festa ta' barra b'solennità mhux tas-soltu. Fost ħwejjeġ oħra huma żanżnu bandalora bl-isem tas-Soċjetà "Circolo 1 'Annuziata - Casal Balzan" li għadha mħarsa b'għożża kbira fil-Każin sal-ġurnata tal-lum.

**Id-Disinn tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali**

Fl-1906 s-Soċjetà għamlet disinn ta' l-injam biex fuqu jitqiegħdu l-lampi taż-żejt kkuluriti u b'hekk tiżżejjen aktar il-faċċata tal-Knisja Parrokkjali fil-jiem tal-Festa Titulari. Id-disinn sar mis-Sur Valent Falzon, membru tas-Soċjetà, u x-xogħol sar minn membru ieħor, is-Sur Ġużeppi Gauci.

**Għoti ta' Standard lill-Każin "La Valette"**

fl-1915 is-Soċjetà Marija Annunzjata rregalat standard li jirrappreżenta l-arma ta' Ħal Balzan lis-Soċjetà Filarmonika "La Valette" bħala għarfien tar-relazzjoni tajba li dejjem kien hemm bejn iż-żewġ soċjetajiet, u li għadha sal-ġurnata tal-lum.

**Għajnuna fix-xiri ta-qniepen ġodda għall-Knisja Parrokkjali**
Fl-1919 is-Soċjetà ħadet parti attiva biex issir sett qniepen ġodda għall-Knisja Parrokkjali. Għalhekk inħatar Kumitat minn fost il-membri biex jieħu ħsieb il-ġbir fid-dar tal-parroċċa u jorganizza fieri fil-każin u fil-ġonna ta' l-Argotti u Sant' Anton. Matul is-Sajf il-Kumitat kien jorganizza għadd ta' reċti fil-bitħa tal-każin stess. Il-Kumitat dam sitt snin sħaħ jorganizza dawn l-attivitajiet sa ma kien possibbli li jinxtara is-sett tal-qniepen.
**Rappreżentanti fl-Assemblea Nazzjonali**
Wara l-ġrajjiet tas-Sette Giugno 1919, sena wara f'Malta u Għawdex issaħħet l-għajta għall-awtonomija politika, Kien iffurmat Kumitat nazzjonali taħt il-preżenza ta' Sir Filippo Sciberras, u l-każini ta' Malta kollha kienu mitlubin jibgħatu żewġ delegati kull wieħed għall-Assemblea Nazzjonali. Id-delegati tas-Soċjetà Marija Annunzjata kienu in-Nutar Luiġi Gauci Forno u s-Sur Luigi Briffa.

**Ix-xabla ta' Lord Gort**
Fl-1944 is-Soċjetà laqgħet fil-Każin tagħha għal tliet ijiem ix-xabla tal-fidda li kienet irregalata lill-Gvernatur ta' Malta ta' dak iż-żmien, Lord Gort, b'għarfien tal-qlubija li wera mal-gżira ta' Malta fl-eqqel tal-gwerra. Il-preżentazzjoni tax-xabla kienet saret il-Ħadd, 12 ta' Marzu 1944, fil-Pjazza tal-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ mill-Prof. Philip Farrugia f'isem il-Każini tal-banda ta' Malta u Għawdex. Bħala responsabbli u garanti tax-xabla meta nġiebet Ħal Balzan kien indaħal is-Segretarju tas-Soċjetà, is-Sur Luigi Briffa.

**Għajnuna fl-Opri tal-Knisja**
Is-Soċjetà għamlet diversi opri fil-Knisja Parrokkjali. Ta' min isemmi li fl-1955 offriet il-kontribuzzjoni tagħha biex issir il-pittura tas-saqaf tal-Knisja. U fl-1957 għenet biex titlesta s-Sala Parrokkjali "Aurora" fi Triq il-Kbira.

**Is-Soċjetà kkonsagrata lill-Qlub ta' Ġesù u ta' Marija**
Nhar il-Ħadd, 8 ta' Ottubru, 1961, is-Soċjetà Marija Annunzjata kienet ik-konsagrata solennement lill-Qlub ta' Ġesù u ta' Marija u tbierket il-Kappella li s-Soċjetà kellha fil-każin peress li din issa tneħħiet u ġiet konġunta ma' kamra oħra li finalment saret sala. Għal din l-okkażjoni kien mistieden l-Arċisqof Mikiel Gonzi li ntlaqà fil-pjazza mill-Banda Nazzjonali "La Valette".
Mal-wasla fil-każin, il-President tas-Soċjetà, is-Sur Pawlu Grima, għamel diskors ta' merħba. L-Arċisqof Gonzi, wara t-tberik tal-kappella, għamel diskors qasir li fih spjega t-tifsira tal-konsagrazzjoni u mbagħad qara, l-Att tal-Konsagrazzjoni. Wara sar riċeviment li għalih kienu mistiedna l-għola awtoritajiet reliġjużi u soċjali fil-Parroċċa.
F'dik l-okkażjoni l-President tal-Banda Nazzjonali "La Valette" in-Nutar Ġorġ Borg Olivier, ippreżenta standard bl-arma tal-Madonna f'isem l-ammiraturi tal-Banda "La Valette" bħala għarfien tar-relazzjonijiet tajba bejn iż-żewġ soċjetajiet.

**Is-Soċjetà tifforma l-Banda tagħha**
Fil-laqgħa ta' mportanza kbira u storika tal-Kumitat tas-Soċjetà Marija Annunzjata li saret fis-Sala tal-Każin fit-8 ta' Awissu 1993, ġie deċiż li titwaqqaf il-banda tas-Soċjetà. Mat-twaqqif tal-banda kien deċiż li s-Soċjetà issa kellha tibdel isimha. Ma setgħetx tkompli tissejjaħ Soċjetà Marija Annunzjata iżda issa isimha, minn dik il-ġurnata 'l quddiem saret Soċjetà Filarmonika Marija Annunzjata.

**L-Ewwel Surmast tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata**
Bħala l-ewwel surmast tal-Banda ntgħażel is-Sur Raymond Cremona.
Il-lezzjonijiet tal-Banda fil-każin bdew jingħataw mill-1 ta' Ottubru 1993.
In-numru ta' bandisti u ta' alljevi sa mill-bidu beda kull ma jmur jikber u fi ftit ġimgħat il-banda kellha bandisti li jdoqqu l-istrumenti kollha li titlob banda filarmonika.
Żgur li hu fiċ-ċert li fl-istorja tas-Soċjetà Filarmonika Marija Annunzjata, is-Sur Charles Chetcuti jew aħjar Karlu, jibqa' magħruf bħala l-Promotur Ewlieni ta' l-inizjattiva li jkollha din is-Soċjetà matul iż-żminijiet.

***N.B. Dan l-artiklu ġie meħud kollu kemm hu mill-ktieb Ħal Balzan Ġrajjietu sa l-1999 ta' Mons. Dun Ġwann Dimech.***



Mudell tal-Faċċata tal-Każin Marija Annunzjata, maħdum fil-ġebla Maltija minn wieħed mill-membri tal-Kumitat, Ninu Bugeja.